**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 3 ta' April 2002**

**Pulizija**
**Spettur J. Mercieca**

**Vs**

**Gaetano Bondin**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gaetano Bondin, iben Nazzareno u Giovanna nee' Scicluna, imwieled Hamrun fit-23 ta' Lulju 1938 u li joqghod 'Lyness', Flt. 3, Triq l-Gherien, Mellieha, bin-numru tal-identita' 529238M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn it-30 ta' Gunju, 1992 u s-27 ta' Novembru 1998, bhala propretarju jew amministratur tal-fon Lyness, appartament numru 3, Triq l-Gherien, Mellieha, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, kkommetta serq ta' kwantita' ta' elelttriku li jammonta ghal mija u tnejn u erbghin lira maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm142.31) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, u barra minnhekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl tal-ghamla 'GANZ', numru 4845546, mobbli jew

immobbli, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Wara li rat l-Artikolu 261B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Gaetano Bondin hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda ta’ Silvio Decelis, qeghda tillibera lill-istess imputat bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18), a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.